# IT-TROBBIJA TAT-TFAL

(MINN TA' MATILDE SERAO)

It-tfal żgħar huma minnhom infushom twajbin u fl-istess ħin ta' ħażen misterjuż : singulari, interessanti, tħosshom jiġbduk, u fihom il-ħajja tal-bniedem tieħu qagħdiet l-aktar ħelwin u l-aktar kapriċċużi. Għat-tbissima tagħhom li hi l-hena ta' l-omm u għall-gidma li jâtu 'l oħthom ikbar minnhom, għall-għerf tat-twiġiba li jâtu u għall-ġibda li jeqirdu kull ma jiġi taħt idejhom, għall-kisra tal-ħarsa tal-għajnejn koħol tagħhom u għat-taqliba tal-biża' tal-korla tagħhom ta' tfal li huma, għal dik ix-xi-ħaġa karitâ li jagħmlu u għall-kefrija tal-għasfur li jintfu, għal dik il-bewsa li jâtuna minn rajhom u għall-bixla bla galbu li biha jiżżuna ħajr 'għall-ħwejjeġ tal-logħob li nâtuhom, għas-simpatija tagħhom u għal mibegħda tagħhom bla raġuni, għall-dawn il-ħwejjeġ kollha li xejn ma jaqblu, għal dawn il-ġibdiet li għalihom jobdu minngħajr ma jâfu l-għala, aħna fid-dmir li nrabbuhom sewwa.

B'dana kollu, it-tfal jiswew daqs il-kbar ! Għalhekk għandna nagħmlu kull ma nistgħu biex inrabbuhom sewwa u noftmuhom mid-drawwiet koroh li jaħbtu jitrabbew fihom.

U nbagħad it-tfal tal-lum, imwielda minn nies imqarqċa, iktarx imrobbijin kif ġie ġie, li jaraw ħafna ħwejjeġ li ma għandhomx jaraw, li jixorbu l-ġlied ta' bejn missierhom u ommhom, li jitgħallmu bosta ħażen, jitilgħu ħżiena minn taħt djul ommhom bla ma jqisu dak li jagħmlu u li aħna minn xi daqqiet nistagħġbu bil-brikkunati tagħhom.

It-tifel tal-lum jaqra bosta kotba ħżiena u għandu f'idejh ħafna gazzetti libertini, iżomm ukoll b'għożża kbira ħafna xbihiet moqżieża u jieħu sehem, b'dehwa liema bħalha, għad-dehriet taċ-ċinematografu.

Meta jisma' l-kbar jitkellmu bil-kwiet fuq dawk li jneħħu ħajjithom b'idejhom, meta jara lil min jiżżuffietta bir-Reliġjon, huwa jwaqqaf widnejh. Għalhekk aħna ma nistgħux għajr nitħas-sruh : tifel imsejken !

Imsejken għad-demm dgħajjef li r-razzez imgħaxxa jâtu fil-vini tal-wild tagħhom, għall-mard irqiq, għan-nuqqas tas-saħħa

għall-ġenn li jiret, imsejken għat-tħollija u l-faqar imxierka flimkien, imsejken għat-tħollija u l-għana msieħba flimkien, imsejken għall-qżiżijiet li f'nofshom irid igħix, imsejken għall-missier tas-sengħa li jaħseb għal rasu biss, għall-omm għanja iżda bla mħabba, imsejken għal bosta ħtijiet tagħna ! It-tifel jidra jsofri, iħobb, u bħalna juri ħaġa b'oħra. Hu tant marbut ma' qalbna u tant biċċa min'na,li spiss iħarisna mill-għawġ, kif ukoll iwassalna fih.

Din il-kitba tiegħi, miktuba għall-kbar, titkellem dejjem fuq it-tfal żgħar, kitba vera fuq tfal veri li ma qlajthomx minn żniedi. Għaxu miegħi: għadni qiegħed narahom: uċuh magħluba, ħaddejn bil-wardiet, iġsma rqajqa, oħrajn smien, imlibbsin il-ħarir jew imqattgħin ċraret, uħud bil-ġuħ, oħrajn paxxuti.—Dawn huma t-tfal li rajthom wiċċ imb'wiċċ, tfal ferħana, oħrajn ħusbiena, tfal ta' manjeri tajba, oħrajn ta' azzjonihom ħażina, tfal ħelwin, oħrajn imqarrsa !

Għalikom, o qarrejja, li x'iktar għandkom xi tarbija ċkejkna b'għajnejha kbar u suwed, tarbija li hi marbuta ma' qalbkom, għalikom dil-kitba tiegħi, biex tagħmlu ħiltkom kollha biex tkkorrieġu lit-tfal imqarba, twiddbuhom fid-drawwiet ħżiena tagħhom u bis-sabar kollu turuhom il-kruha tan-nuqqas tagħhom !

Niftakru li t-tfal huma l-irġiel ta' għada, li minnhom artna tittama l-ġid u l-hena ta' wliedha.

**G. Micallef Goggi.**

IXTRU

IT-TAGħRIF FUQ IL-KITBA MALTIJA

Jinbiegħ 10 soldi BISS

Minn għand

CRITIEN TAL-KOTBA

34. SDA. REALE

VALLETTA